22001D0148

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 148/2001

tal-11 ta' Diċembru 2001

li temenda l-Anness I (Oqmsa veterinarji jew fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif mibdul mill-Protokoll li Jbidel l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Annex I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2001 tat-23 ta' Novembru 2000 ([1]).

(2) Id-Deċizjoni tal-Kummissjoni 2000/680/KE tat-30 ta' Ottubru 2000 li tapprova pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar u tal-marda Newcastle ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/721/KE tas-7 ta' Novembru 2000 dwar l-introduzzjoni tal-vaċċinazzjon li jissuplimenta l-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar fl-Italja u dwar miżuri speċifiċi ta' kontroll tal-moviment ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/785/KE tas-6 ta' Diċembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni 2000/721 dwar l-introduzzjoni tal-vaċċinazzjon li jissuplimenta l-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar fl-Italja u dwar miżuri speċifiċi ta' kontroll tal-moviment ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tniżżel dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kontroll u l-qerda tal-Bluetongue ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/807/KE tal-11 ta' Diċembru 2000 li tniżżel il-forma kodifikata u l-kodiċi għan-notifiki tal-mard ta' l-annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE u li thassar id-Deċiżjonijiet 84/90/KEE: u 90/442/KEE ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Islanda u għall-Liechtenstein,

([1]) ĠU L 22, ta' l-24.1.2002, p. 15.
([2]) ĠU L 281, tas-7.11.2000, p. 21.
([3]) ĠU L 291, tat-18.11.2000, p. 33.
([4]) ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 49.
([5]) ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 74.
([6]) ĠU L 326, tat-22.12.2000, p. 80.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej.

1. Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 9 (Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE) fil-Parti 3,1:

"9a. **32000 L 0075**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tniżżel dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kontroll u l-qerda tal-Bluetongue (ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 74)."

2. It-test ta' punti 1 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/90/KEE) u 4 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/442/KEE) fil-Parti 3.2 għandu jitħassar.

3. Il-punti li ġejjen għandhom jiġu miżjuda wara l-punt 14 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/428/KE) fil-Parti 3,2:

"15. **32000D 0721**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/721/KE tas-7 ta' Novembru 2000 dwar l-introduzzjoni tal-vaċċinazzjon li jissuplimenta l-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar fl-Italja u dwar miżuri speċifiċi ta' kontroll tal-moviment (ĠU L 291, tat-18.11.2000, p. 33), kif emendata mid-:

– **32000 D 0785**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/785/KE tas-6 ta' Diċembru (ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 49).

16. **32000 D 0807**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/807/KE tal-11 ta' Diċembru 2000 li tniżżel il-forma kodifikata u l-kodiċi għan-notifiki tal-mard ta' l-annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE u li tħassar id-Deċiżjonijiet 84/90/KEE: u 90/442/KEE (ĠU L 326, tat-22.12.2000, p. 80)."

4. Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 11 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/281/KE) fil-Parti 3,2 taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA EFTA GĦANDHOM JITQIESU B'MOD DOVUT':"

"12. **32000D 0680**: Id-Deċizjoni tal-Kummissjoni 2000/680/KE tat-30 ta' Ottubru 2000 li tapprova pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar u tal-marda Newcastle (ĠU L 281, tas-7.11.2000, p. 21)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2000/680/KE, 2000/721/KE, 2000/785/KE u 2000/807/KE fl-ilsien Norveġiż, li għandhom jiġu ippublikati fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropei*, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2001, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ippublikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropei*.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

B. GRYDELAND